



2011/0276(COD)

25.4.2012

EMENDI 17 - 49

Abbozz ta' opinjoni
Nikolaos Chountis
(PE486.023v01-00)

għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006

Proposta għal regolament
(COM(2011)0615 – C7-0335/2011 – 2011/0276(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 17
Mojca Kleva

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja affettwat serjament lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tagħhom, u kellha impatt maġġuri fuq ir-reġjuni Ewropej kollha. Ħafna Stati Membri qegħdin jiġu affettwati minn riċessjoni ekonomika u deterjorament fil-kundizzjonijiet soċjali, u fl-istess ħin il-qgħad qiegħed jilħaq livelli rekord. Dan qiegħed iwassal għal inugwaljanzi ġodda bejn ir-reġjuni f'termini ta' tkabbir, u għall-aggravament tal-inugwaljanzi eżistenti. F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni tissodisfa fini partikolarment importanti, li tagħti kontribut deċiżiv biex tistimola l-ekonomija, tippromwovi tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv u tnaqqas l-inugwaljanzi soċjali. Fid-dawl tal-fatt li l-kriżi żiedet il-pessjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi nazzjonali u naqqset il-kapaċità tas-settur privat li jsellef, il-Fondi QSK jipprovdu r-riżorsi essenzjali li bihom jistgħu jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta flessibilità akbar fil-miżuri tal-politika ta' koeżjoni sabiex l-użu tal-Fondi QSK jiġi mmassimizzat u ottimizzat.

Or. en

Emenda 18
Elisa Ferreira

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

(3a) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja affettwat serjament lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tagħhom, u kellha impatt maġġuri fuq ir-reġjuni Ewropej kollha. Ħafna Stati Membri qegħdin jiġu affettwati minn riċessjoni ekonomika u deterjorament fil-kundizzjonijiet soċjali, u fl-istess ħin il-qgħad qiegħed jilħaq livelli rekord. Dan qiegħed iwassal għal inugwaljanzi ġodda bejn ir-reġjuni f'termini ta' tkabbir, u għall-aggravament tal-inugwaljanzi eżistenti. F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni tissodisfa fini partikolarment importanti, li tagħti kontribut deċiżiv biex tistimola l-ekonomija, tippromwovi t-tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv u tnaqqas l-inugwaljanzi soċjali. Fid-dawl tal-fatt li l-kriżi żiedet il-pessjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi nazzjonali u naqqset il-kapaċità tas-settur privat li jsellef, il-Fondi QSK jipprovdu r-riżorsi essenzjali li bihom jistgħu jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi introdotta flessibilità akbar fil-miżuri tal-politika ta' koeżjoni biex l-użu tal-Fondi QSK jiġi mmassimizzat u ottimizzat.

Or. en

**Emenda 19
Mojca Kleva**

**Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)**

(3b) Il-politika ta' koeżjoni tfasslet biex tiżgura tkabbir armonjuż u bbilanċjat fl-Istati Membri u mhux biex tikkomplimenta l-politiki makroekonomiċi

tal-UE. Il-politika ta' koeżjoni għandha ssostni politiki ta' tkabbir alternattivi li jfittxu konverġenza ġenwina u tkabbir sostenibbli. Il-miżuri li jittieħdu f'dan il-kuntest għandhom jipromwovu s-solidarjetà, il-ħolqien tal-impjiegi u impjiegi dejjiema, kif ukoll il-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, il-ġustizzja ambjentali u t-tnaqqis tal-qgħad u tal-esklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 20
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Il-fatt li tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni jiżgura li l-effikaċja tan-nefqa taħt il-Fondi tal-QSK tintrifed minn politiki ekonomiċi sodi u l-fondi tal-QSK jkunu jistgħu, jekk meħtieġ, jintużaw b'mod ieħor li jindirizza l-problemi ekonomiċi li l-pajjiż ikun qiegħed iħabbat wiċċu magħhom. Dan il-proċess għandu jkun wieħed gradwali, u jibda b'emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u għall-programmi li jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-indirzzar ta' żbilanċi makroekonomiċi u diffikultajiet ekonomiċi. Fejn, minkejja l-użu mtejjeb tal-fondi tal-QSK, Stat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess ta' governanza ekonomika, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-pagament u l-impenji kollha jew parti minnhom. Id-deċiżjonijiet dwar is-sospenzjonijiet għandhom ikunu proporzjonali u effettivi, u jqisu l-impatt tal-programmi individwali għall-

imħassar

indirizzar tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru relevanti u emendi preċedenti għall-Kuntratt ta' Sħubija. Fid-deċiżjoni tagħha dwar is-sospensjonijiet, il-Kummissjoni għandha ttrisspetta wkoll it-trattament ugwali bejn l-Istati Membri, u tqis b'mod partikolari l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Is-sospensjonijiet għandhom jitneħħew u l-fondi jerġgħu jsiru disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat minnufih hekk kif l-Istat Membru jieħu l-azzjoni meħteġa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Istati Membri. Is-sospensjoni tal-ħlasijiet u tal-impenji kollha jew ta' parti minnhom min-naħa tal-Kummissjoni se sservi biss biex taggrava s-sitwazzjoni makroekonomika fl-Istati Membri.

Emenda 21 Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-fatt li tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni jiżgura li l-effikaċja tan-nefqa taħt **il-Fondi** tal-QSK tintrifed minn politiki ekonomiċi sodi u **l-fondi** tal-QSK jkunu jistgħu, jekk meħtieġ, jintużaw b'mod ieħor li jindirizza l-problemi ekonomiċi li l-pajjiż ikun qiegħed iħabbat wiċċu magħhom. Dan il-proċess għandu jkun wieħed gradwali, u jibda b'emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u għall-programmi li jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-indirizzar ta' żbilanċi makroekonomiċi u diffikultajiet ekonomiċi. **Fejn, minkejja l-**

Emenda

(19) Il-fatt li tiġi stabbilita rabta *aktar mill-qrib* bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni jiżgura li l-effikaċja tan-nefqa taħt **Fondi** tal-QSK tintrifed minn politiki ekonomiċi sodi u **li fondi** tal-QSK jkunu jistgħu, jekk meħtieġ, jintużaw b'mod ieħor li jindirizza l-problemi ekonomiċi li l-pajjiż ikun qiegħed iħabbat wiċċu magħhom. **Dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità li jitnisslu mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandhom japplikaw għall-Fond ta' Koeżjoni b'rabta mal-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' governanza ekonomika.** Dan il-proċess għandu jkun wieħed gradwali, u jibda

użu mtejjeb tal-fondi tal-QSK, Stat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess ta' governanza ekonomika, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-pagament u l-impenji kollha jew parti minnhom. Id-deċiżjonijiet dwar is-sospensjonijiet għandhom ikunu proporzjonali u effettivi, u jqisu l-impatt tal-programmi individwali għall-indirizzar tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru rilevanti u emendi preċedenti għall-Kuntratt ta' Sħubija. Fid-deċiżjoni tagħha dwar is-sospensjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrispetta wkoll it-trattament ugwali bejn l-Istati Membri, u tqis b'mod partikolari l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Is-sospensjonijiet għandhom jitneħħew u l-fondi jerġgħu jsiru disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat minnufih hekk kif l-Istat Membru jieħu l-azzjoni meħteġa.

b'emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u għall-programmi li jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-indirizzar ta' żbilanċi makroekonomiċi u diffikultajiet ekonomiċi.

Or. en

Emenda 22
Mojca Kleva

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Il-Politika ta' koeżjoni la għandha tkun marbuta mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u lanqas mal-pakkett ta' governanza ekonomika, u dan jagħmilha aktar stretta. Is-suppożizzjonijiet sottostanti tagħhom huma mingħajr dubju differenti u l-objettivi tagħhom huma dijametrikament opposti. L-għan tal-politika ta' koeżjoni ma għandux ikun li timponi kundizzjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji stretti li jesigū miżuri ta' awsterità, jew li tippenalizza lill-Istati

Membri. Bil-maqlub, il-politika ta' koeżjoni hija mfassla biex tnaqqas u tirrimedja l-inugwaljanzi u l-problemi li jittqajmu mill-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija tas-suq fir-reġjuni Ewropej, u b'hekk tgħin biex tnaqqas l-inugwaljanzi f'termini ta' tkabbir fl-Istati Membri, u tippromwovi koeżjoni ekonomika u soċjali, bl-għan li tilħaq konverġenza ġenwina.

Or. en

Emenda 23 **Mojca Kleva**

Proposta għal regolament **Premessa 22**

Test propost mill-Kummissjoni

(22) L-istrumenti finanzjarji huma dejjem aktar importanti għall-effetti ta' ingranaġġ fuq il-Fondi tal-QSK, minħabba l-kapaċità tagħhom li jikkombinaw forom differenti ta' riżorsi pubbliċi u privati sabiex isostnu objettivi tal-politika pubblika, u **għaliex forom ta' finanzjament li jduru jwasslu biex dan is-sostenn isir aktar sostenibbli fuq perjodu itwal ta' żmien.**

Emenda

(22) L-istrumenti finanzjarji huma dejjem aktar importanti għall-effetti ta' ingranaġġ fuq il-Fondi tal-QSK, minħabba l-kapaċità tagħhom li jikkombinaw forom differenti ta' riżorsi pubbliċi u privati sabiex isostnu objettivi tal-politika pubblika, **irawmu sħubijiet pubbliċi-privati, jagħtu lok għal sorsi alternattivi ta' finanzjament u jiggarrantixxu mezz finanzjarju importanti li jdur għall-investment strateġiku, filwaqt li jsostnu investment sostenibbli fit-tul u jżidu l-potenzjal ta' tkabbir tal-Unjoni.**

Or. en

Emenda 24 **Mojca Kleva**

Proposta għal regolament **Premessa 23**

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Strumenti finanzjarji sostnuti **mill-Fondi** tal-QSK għandhom jintużaw sabiex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi tas-suq b' mod *kosteffettiv*, f'konformità mal-objettivi tal-programmi, u m'għandhomx jeskludu l-finanzjament privat. Id-deċiżjoni li jiġu ffinanzjati miżuri ta' sostenn permezz ta' strumenti finanzjarji għandha tiġi determinata għalhekk abbażi ta' **analisi** ex ante.

Emenda

(23) Strumenti finanzjarji sostnuti **minn** Fondi tal-QSK għandhom jintużaw sabiex **jidentifikaw u** jindirizzaw **nuqqasijiet fis-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment mhux daqstant ottimali, u b'hekk jissodisfaw** ħtiġijiet speċifiċi tas-suq b' mod *kosteffikaċi*, f'konformità mal-objettivi tal-programmi, u **tali strumenti** m'għandhomx jeskludu l-finanzjament privat. Id-deċiżjoni li jiġu ffinanzjati miżuri ta' sostenn permezz ta' strumenti finanzjarji għandha tiġi determinata għalhekk abbażi ta' **valutazzjoni** ex-ante, **li għandha tindirizza b'mod dirett il-ħtiġijiet u l-potenzjal ta' investment lokali u reġjonali, tidentifika parteċipazzjoni possibbli tas-settur privat, tevalwa l-valur miżjud li jirriżulta mill-istrument finanzjarju kkonċernat u b'hekk tiggarrantixxi l-ħolqien ta' azzjonijiet ta' rispons flessibbli u effikaċi fil-konfront tal-isfidi ta' żvilupp li qegħdin jaffrontaw ir-reġjuni Ewropej.**

Or. en

Emenda 25
Mojca Kleva

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi rigward l-ammonti li jridu jiġu aċċettati bħala nefqa eliġibbli fl-għeluq, sabiex jiġi żgurat li l-ammonti, inkluż l-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni, imħallsa mill-Fondi tal-QSK lill-istrumenti finanzjarji huma użati effettivament għall-investimenti u l-ħlasijiet lir-riċevituri finali. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli

Emenda

(27) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi rigward l-ammonti li jridu jiġu aċċettati bħala nefqa eliġibbli fl-għeluq, sabiex jiġi żgurat li l-ammonti, inkluż l-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni, imħallsa mill-Fondi tal-QSK lill-istrumenti finanzjarji huma użati effettivament għall-investimenti u l-ħlasijiet lir-riċevituri finali. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli

speċifiċi rigward l-użu mill-ġdid ta' riżorsi attribbwibbli għas-sostenn mill-Fondi tal-QSK, inkluż l-użu ta' riżorsi ta' wirt wara l-għeluq tal-programmi.

speċifiċi rigward l-użu mill-ġdid ta' riżorsi attribbwibbli għas-sostenn mill-Fondi tal-QSK, inkluż l-użu ta' riżorsi ta' wirt wara l-għeluq tal-programmi. ***Dispożizzjonijiet ta' rappurtar iddettaljati għandhom jiġu speċifikati għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni, li għandhom kull sena jagħmlu sinteżi tal-informazzjoni ta' rappurtar fir-rigward tal-użu u l-effikaċja tal-istrumenti finanzjarji marbuta ma' Fondi QSK, objettivi tematiċi u Stati Membri differenti.***

Or. en

Emenda 26 **Mojca Kleva**

Proposta għal regolament **Premessa 31**

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Kuntratti ta' Sħubija tagħhom. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tfejji rapport ta' strateġija dwar il-progress fl-2017 u fl-2019.

Emenda

(31) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Kuntratti ta' Sħubija tagħhom. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tfejji rapport ta' strateġija dwar il-progress fl-2017 u fl-2019. ***F'anness għar-rapport annwali ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinkludu rapport speċifiku li jkopri l-operazzjonijiet li jikkompromettu l-istrumenti finanzjarji.***

Or. en

Emenda 27 **Mojca Kleva**

**Proposta għal regolament
Premessa 55a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(55a) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika żvelat l-inadegwezza tal-PDG bħala l-uniku indikatur ta' eliġibbiltà għal għajjnuna mill-Fondi QSK. Jeħtieġ li jiġu vvalutati b'mod aktar preċiż il-livelli ta' żvilupp attwali tar-reġjuni Ewropej u l-kontribut li jistgħu jagħmlu l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-proġetti sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar adegwata u ġusta tal-fondi għall-Istati Membri. Għal din ir-raġuni jitqies li għandhom isiru studji ulterjuri ta' vijabbiltà dwar l-introduzzjoni u l-użu ta' indikaturi addizzjonali tal-Istat u dwar it-tendenzi fil-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni Ewropej u tal-Istati Membri bħala indikaturi addizzjonali ta' eliġibbiltà għal għajjnuna mill-Fondi QSK.

Or. en

**Emenda 28
Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament
Premessa 55a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(55a) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika żvelat l-inadegwezza tal-PDG bħala l-uniku indikatur ta' eliġibbiltà għal għajjnuna mill-Fondi QSK. Jeħtieġ li jiġu vvalutati b'mod aktar preċiż il-livelli ta' żvilupp attwali tar-reġjuni Ewropej u l-kontribut li jistgħu jagħmlu l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-proġetti sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar adegwata u ġusta tal-fondi għall-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li l-livelli attwali tal-PDG

reġjonali jiġu kkombinati mal-kapaċità tal-Istat Membru li jgħin ir-reġjuni proprji tiegħu, u għandhom jitqiesu wkoll it-tendenzi fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul fl-evoluzzjoni komparattiva tal-PDG tar-reġjun.

Or. en

Emenda 29
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni

(58) Sabiex tissaħħaħ l-enfasi fuq ir-riżultati u l-ksib tal-oġġettivi u l-miri tal-Ewropa 2020, **ħamsa** fil-mija tar-riżorsi għall-mira ta' 'Investiment għat-**tkabbir** u l-impjiegi' għandhom jitwarrbu bħala riżerva għall- prestazzjoni għal kull Fond, u kategorija ta' reġjun f'kull Stat Membru.

Emenda

(58) Sabiex tissaħħaħ l-enfasi fuq ir-riżultati u l-ksib tal-oġġettivi u l-miri tal-Ewropa 2020, **wieħed** fil-mija tar-riżorsi għall-mira ta' 'Investiment għat-**tkabbir** u l-impjiegi' għandhom jitwarrbu bħala riżerva għall- prestazzjoni għal kull Fond, u kategorija ta' reġjun f'kull Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li d-deċiżjoni, meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokazzjoni ta' riżerva tal-prestazzjoni għall-programmi u l-prijoritajiet li jilhqgħu l-miri ewlenin, se tittieħed biss fl-2019, hemm tħassib li l-Istati Membri, matul iż-żmien li jifdal tal-perjodu ta' programmar, mhux se jkunu jistgħu jiġbdu jew jużaw b'mod effikaċi ammont daqstant kbir tal-allokazzjoni mwarrba. Barra minn hekk, mhuxwiex ċar x'kriterji se jintużaw għall-programmi fit-tul li jestendu lil hinn mill-perjodu ta' programmar 2014-2020.

Emenda 30
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-Fondi tal-QSK, partikolarment permezz tal-monitoraġġ, ir-rappurtar **u l-evalwazzjoni**.

Emenda

9. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-Fondi tal-QSK, partikolarment permezz ***tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rappurtar***.

Or. en

Emenda 31

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta Stat Membru jesperjenza diffikultajiet baġitarji temporanji jew tnaqqis ekonomiku serju, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jevalwa jekk ir-rieżami u l-emenda tal-Kuntratt ta' Sħubija tiegħu humiex xierqa u neċessarji biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Or. en

Emenda 32

Roberts Zile

Proposta għal regolament

Parti 2 – artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5% tar-riżorsi allokatati għal kull Fond tal-QSK u Stat Membru, bl-eċċezzjoni tar-riżorsi allokatati għall-mira tal-kooperazzjoni

1% tar-riżorsi allokatati għal kull Fond tal-QSK u Stat Membru, bl-eċċezzjoni tar-riżorsi allokatati għall-mira tal-kooperazzjoni

territorjali Ewropea u għat- Titolu V tar-Regolament tal-EMFF, għandhom jikkostitwixxu riżerva għall-prestazzjoni li għandha tiġi allokata skont l-Artikolu 20.

territorjali Ewropea u għat- Titolu V tar-Regolament tal-EMFF, għandhom jikkostitwixxu riżerva għall-prestazzjoni li għandha tiġi allokata skont l-Artikolu 20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li d-deċiżjoni, meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokkazzjoni ta' riżerva tal-prestazzjoni għal programmi u prijoritajiet li jilhqgħu l-miri ewlenin, se tittieħed biss fl-2019, hemm tħassib li l-Istati Membri, matul iż-żmien li jifdal tal-perjodu ta' programmar, mhux se jkunu jistgħu jiġbdu jew jużaw b'mod effikaċi ammont daqstant kbir tal-allokkazzjoni mwarrba. Barra minn hekk, mhuwiex ċar x'kriterji se jintużaw għall-programmi fit-tul li jestendu lil hinn mill-perjodu ta' programmar 2014-2020.

Emenda 33

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 21 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Kondizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri

Emenda

Żieda fil-ħlasijiet lil Stati Membri b'diffikultajiet baġitarji temporanji u li qegħdin jesperjenzaw tnaqqis ekonomiku serju.

Or. en

Emenda 34

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Kondizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri

Emenda

imħassar

1. Il-Kummissjoni għandha titlob lil xi Stat Membru biex janalizza u jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi relevanti tiegħu, fejn dan ikun meħtieġ:

a) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni, indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikoli 121(2) u/jew 148(4) tat-Trattat, jew għall-appoġġ tal-miżuri ta' implimentazzjoni indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat;

c) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottata skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru .../2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi], sakemm dawn l-emendi jitqiesu meħtieġa biex jgħinu fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi; jew

d) għall-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fond tal-QSK disponibbli skont il-paragrafu 4, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Assistenza finanzjarja tal-Unjoni tingħatalu skont ir-Regolament (UE) No 407/2010;

(ii) assistenza finanzjarja fuq terminu medju tingħatalu skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(iii) assistenza finanzjarja fis-sura ta' għoti b'self mill-MES tingħatalu skont it-Trattat li jstabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

2. L-Istat Membru għandu jressaq proposta biex isiru emendi fuq il-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi relevanti fi

żmien xahar. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta jitressqu l-emendi, u f'dan il-każ l-Istat Membru għandu jerġa' jressaq il-proposta tiegħu fi żmien xahar.

3. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx għamlet kummenti jew fejn il-kummenti tagħha jkunu ġew ikkunsidrati b'mod xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn l-assistenza finanzjarja tingħata lil Stat Membru skont il-paragrafu 1(d) u tkun marbuta ma' programm ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista', mingħajr ebda propożta mill-Istat Membru, temenda l-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi bil-għan tal-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fondi tal-QSK disponibbli. Biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti, il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha fil-ġestjoni kif inhu spjegat fil-programm ta' aġġustament jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ffirmit mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn l-Istat Membru jonqos milli jwieġeb għat-talba tal-Kummissjoni li hija msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jwieġibx b'mod xieraq fi żmien xahar għall-kummenti tal-Kummissjoni li huma msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista', fi żmien tliet xhur minn meta tagħmel il-kummenti, tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet għall-programmi kkonċernati.

6. Il-Kummissjoni għandha tissospendi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet u l-impenji għall-programmi

kkonċernati fejn:

a) il-Kunsill jiddeċiedi li l-Istat Membru ma jikkonformax ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-Kunsill jiddeċiedi, skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat, li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jirringa d-defiċit eċċessiv tiegħu;

c) il-Kunsill jikkonkludi, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru [...] /2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi] li, f'żewġ ċirkostanzi suċċessivi, l-Istat Membru ma jkunx ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva suffiċjenti jew il-Kunsill jadotta deċiżjoni fejn jiddikjara nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 10(4) ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplementa l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li ma tawtorizzax il-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jikkonkludi li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkunx ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li ma jħallasx l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokat.

7. Fid-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' parti mill-ammont jew tal-ammont kollu tal-ħlasijiet jew impenji skont il-paragrafu 5 u 6 rispettivament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sospensjoni tkun proporzjonali u effettiva, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru

kkonċernat, partikolarment fir-rigward tal-ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri, u partikolarment fir-rigward tal-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tneħħi s-sospensjoni fuq il-pagamenti u l-impenji meta Stat Membru jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti kif jintalab mill-Kummissjoni, li tkun approvathom u, fejn applikabbli:

a) il-Kunsill ikun iddeċieda li l-Istat Membru jikkonforma ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm pendent skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-Kunsill jiddeċiedi li, skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat li jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

c) il-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru [...] [fir-Regolament tal-EIP] jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tiġi sospiża skont l-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li tawtorizza l-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jkun ikkonkluda li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti

b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkun ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li jħallas l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokati.

Fl-istess ħin, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jerġa' jipprovi l-baġit tal-impenji sospiżi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru [...] li jstabilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014 sa 2020.

Or. en

Emenda 35
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kondizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri

imħassar

1. Il-Kummissjoni għandha titlob lil xi Stat Membru biex janalizza u jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu, fejn dan ikun meħtieġ:

a) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni, indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikoli 121(2) u/jew 148(4) tat-Trattat, jew għall-appoġġ tal-miżuri ta' implimentazzjoni indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat;

c) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata

lill-Istat Membru kkonċernat u adottata skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru .../2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi], sakemm dawn l-emendi jitqiesu meħtieġa biex jgħinu fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi; jew

d) għall-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fond tal-QSK disponibbli skont il-paragrafu 4, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Assistenza finanzjarja tal-Unjoni tingħatalu skont ir-Regolament (UE) No 407/2010;

(ii) assistenza finanzjarja fuq terminu medju tingħatalu skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(iii) assistenza finanzjarja fis-sura ta' għoti b'self mill-MES tingħatalu skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

2. L-Istat Membru għandu jressaq proposta biex isiru emendi fuq il-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti fi żmien xahar. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta jitressqu l-emendi, u f'dan il-każ l-Istat Membru għandu jerġa' jressaq il-proposta tiegħu fi żmien xahar.

3. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx għamlet kummenti jew fejn il-kummenti tagħha jkunu ġew ikkunsidrati b'mod xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn l-assistenza finanzjarja tingħata lil Stat Membru skont il-paragrafu 1(d) u tkun marbuta ma' programm ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista', mingħajr ebda propsota mill-Istat Membru, temenda l-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi bil-

għan tal-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fondi tal-QSK disponibbli. Biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti, il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha fil-ġestjoni kif inhu spjegat fil-programm ta' aġġustament jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ffirmit mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn l-Istat Membru jonqos milli jwieġeb għat-talba tal-Kummissjoni li hija msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jweghibx b'mod xieraq fi żmien xahar għall-kummenti tal-Kummissjoni li huma msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista', fi żmien tliet xhur minn meta tagħmel il-kummenti, tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet għall-programmi kkonċernati.

6. Il-Kummissjoni għandha tissospendi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet u l-impenji għall-programmi kkonċernati fejn:

a) il-Kunsill jiddeċiedi li l-Istat Membru ma jikkonformax ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-Kunsill jiddeċiedi, skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat, li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jirrangja d-defiċit eċċessiv tiegħu;

c) il-Kunsill jikkonkludi, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru [...] /2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi] li, f'żewġ ċirkostanzi suċċessivi, l-Istat Membru ma jkunx ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva suffiċjenti jew il-Kunsill jadotta deċiżjoni fejn jiddikjara nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 10(4) ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li ma tawtorizzax il-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jikkonkludi li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkunx ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li ma jħallasx l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokati.

7. Fid-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' parti mill-ammont jew tal-ammont kollu tal-ħlasijiet jew impenji skont il-paragrafu 5 u 6 rispettivament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sospensjoni tkun proporzjonali u effettiva, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, partikolarment fir-rigward tal-ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri, u partikolarment fir-rigward tal-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tneħħi s-sospensjoni fuq il-pagamenti u l-impenji meta Stat Membru jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti kif jintalab mill-Kummissjoni, li tkun approvathom u, fejn applikabbli:

a) il-Kunsill ikun iddeċieda li l-Istat Membru jikkonforma ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm pendenti skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-

Kunsill jiddeċiedi li, skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat li jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

c) il-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru [...] [fir-Regolament tal-EIP] jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tiġi sospiża skont l-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li tawtorizza l-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jkun ikkonkluda li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkun għet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li jħallas l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun għet allokat.

Fl-istess ħin, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jerġa' jipprovdi l-baġit tal-impenji sospiżi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru [...] li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014 sa 2020.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu ikun hemm l-ebda rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Istati Membri. Is-sospensjoni tal-ħlasijiet u tal-impenji kollha jew ta' parti minnhom min-naħa tal-Kummissjoni se sservi biss biex taggrava s-sitwazzjoni makroekonomika fl-Istati Membri.

Emenda 36
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kondizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri

imħassar

1. Il-Kummissjoni għandha titlob lil xi Stat Membru biex janalizza u jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu, fejn dan ikun meħtieġ:

a) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni, indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikoli 121(2) u/jew 148(4) tat-Trattat, jew għall-appoġġ tal-miżuri ta' implimentazzjoni indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat;

c) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottata skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru .../2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi], sakemm dawn l-emendi jitqiesu meħtieġa biex jgħinu fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi; jew

d) għall-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fond tal-QSK disponibbli skont il-paragrafu 4, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Assistenza finanzjarja tal-Unjoni

tingħatalu skont ir-Regolament (UE) No 407/2010;

(ii) assistenza finanzjarja fuq terminu medju tingħatalu skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(iii) assistenza finanzjarja fis-sura ta' għoti b'self mill-MES tingħatalu skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

2. L-Istat Membru għandu jressaq proposta biex isiru emendi fuq il-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti fi żmien xahar. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta jitressqu l-emendi, u f'dan il-każ l-Istat Membru għandu jerġa' jressaq il-proposta tiegħu fi żmien xahar.

3. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx għamlet kummenti jew fejn il-kummenti tagħha jkunu ġew ikkunsidrati b'mod xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn l-assistenza finanzjarja tingħata lil Stat Membru skont il-paragrafu 1(d) u tkun marbuta ma' programm ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista', mingħajr ebda propsota mill-Istat Membru, temenda l-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi bil-għan tal-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fondi tal-QSK disponibbli. Biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti, il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha fil-ġestjoni kif inhu spjegat fil-programm ta' aġġustament jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ffirmit mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn l-Istat Membru jonqos milli jwieġeb għat-talba tal-Kummissjoni li hija msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jwieġibx

b'mod xieraq fi żmien xahar għall-kummenti tal-Kummissjoni li huma msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista', fi żmien tliet xhur minn meta tagħmel il-kummenti, tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet għall-programmi kkonċernati.

6. Il-Kummissjoni għandha tissospendi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet u l-impenji għall-programmi kkonċernati fejn:

a) il-Kunsill jiddeċiedi li l-Istat Membru ma jikkonformax ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-Kunsill jiddeċiedi, skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat, li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jirringa d-defiċit eċċessiv tiegħu;

c) il-Kunsill jikkonkludi, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru [...] /2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi] li, f'żewġ ċirkostanzi suċċessivi, l-Istat Membru ma jkunx ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva suffiċjenti jew il-Kunsill jadotta deċiżjoni fejn jiddikjara nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 10(4) ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li ma tawtorizzax il-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jikkonkludi li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti

b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkunx ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li ma jħallasx l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokat.

7. Fid-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' parti mill-ammont jew tal-ammont kollu tal-ħlasijiet jew impenji skont il-paragrafu 5 u 6 rispettivament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sospensjoni tkun proporzjonali u effettiva, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, partikolarment fir-rigward tal-ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri, u partikolarment fir-rigward tal-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tneħħi s-sospensjoni fuq il-pagamenti u l-impenji meta Stat Membru jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti kif jintalab mill-Kummissjoni, li tkun approvathom u, fejn applikabbli:

a) il-Kunsill ikun iddeċieda li l-Istat Membru jikkonforma ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

b) il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm pendent skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-Kunsill jiddeċiedi li, skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat li jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

c) il-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru [...] [ir-Regolament tal-EIP] jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tiġi sospiża skont l-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament;

d) il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li tawtorizza l-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jkun ikkonkluda li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkun għet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li jħallas l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun għe allokat.

Fl-istess ħin, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jerġa' jipprovdi l-baġit tal-impenji sospiżi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru [...] li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014 sa 2020.

Or. en

Emenda 37

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 22 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Żieda fil-ħlasijiet lil Stat Membru b'diffikultajiet baġitarji temporanji

Emenda

Żieda fil-ħlasijiet lil Stati Membri b'diffikultajiet baġitarji temporanji u li qegħdin jesperjenzaw tnaqqis ekonomiku serju kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97.

Or. en

Emenda 38

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ca) Meta l-Istat Membru kkonċernat
jesperjenza tnaqqis ekonomiku serju
għejja ekonomika serja kif imsemmi fir-
Regolament (KE) Nru 1466/97 u fir-
Regolament (KE) Nru 1467/97.***

Or. en

Emenda 39

Roberts Zile

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***5. Kull programm, għajr dawk fejn l-
ghajjnuna teknika titwettaq fi programm
speċifiku, għandu jistabbilixxi l-ammont
indikattiv ta' appoġġ li jrid jintuża għall-
għanijiet tal-bidla fil-klima.***

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-politika fit-twassil tal-prijoritajiet Ewropej, l-għanijiet tematiċi kollha ddefiniti fil-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu ttrattati bl-istess mod.

Emenda 40

Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-programm. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-programm propost.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-osservazzjonijiet **ġustifikati** tagħha fi żmien tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-programm. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-programm propost **kif ikun xieraq**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-teħid ta' deċiżjonijiet ġustifikati.

Emenda 41
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fondi tal-QSK jistgħu jsostnu azzjonijiet għat-tħejjija, il-ġestjoni, is-sorveljanza, il-valutazzjoni, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, netwerking, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar. Il-Fondi tal-QSK jistgħu jintużaw mill-Istat Membru biex isostnu azzjonijiet għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq il-benefiċjarji, inklużi s-sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika, u azzjonijiet li jirrinforzaw il-kapaċità tal-awtoritajiet u tal-benefiċjarji tal-Istat Membru biex jamministraw u jużaw il-Fondi tal-QSK. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jikkonċernaw perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti.

Emenda

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fondi tal-QSK jistgħu jsostnu azzjonijiet għat-tħejjija, il-ġestjoni, is-sorveljanza, il-valutazzjoni, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, netwerking, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar. Il-Fondi tal-QSK jistgħu jintużaw mill-Istat Membru biex isostnu azzjonijiet għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq il-benefiċjarji, inklużi s-sistemi tal-iskambju tad-dejta elettronika, u azzjonijiet li jirrinforzaw il-kapaċità tal-awtoritajiet u tal-benefiċjarji tal-Istat Membru biex jamministraw u jużaw il-Fondi tal-QSK. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jikkonċernaw perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti, **u għandhom ikunu mmirati biex jimplimentaw kapaċità istituzzjonali**

li sservi fit-tul.

Or. en

Emenda 42
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-forom ta' sostenn imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament flimkien mal-kriterji ta' eliġibbiltà relatati qabel il-bidu tal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm definizzjonijiet ċari dwar x'jikkostitwixxi "premju" u "għajjnuna li titħallas lura", u liema huma l-kundizzjonijiet għal din tal-aħħar.

Emenda 43
Nikolaos Chountis

Proposta għal regolament
Artikolu 82 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-tliet kategoriji ta' reġjuni jiġu determinati abbażi ta' kif il-PDG minn ras għal ras tagħhom, imkejjejl f'paritajiet ta' poter ta' akkwist u kkalkolat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu **2006 – 2008**, jirrelata mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

It-tliet kategoriji ta' reġjuni jiġu determinati abbażi ta' kif il-PDG minn ras għal ras tagħhom, imkejjejl f'paritajiet ta' poter ta' akkwist u kkalkolat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu **2009 – 2013**, jirrelata mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Για τη μεγαλύτερη αποτελεσματικότητα της χρήσης και του σχεδιασμού των διαρθρωτικών ταμείων, θα πρέπει να λαμβάνεται το ΑΕγΠ της πιο πρόσφατης περιόδου, σε σχέση με την προγραμματική περίοδο, εν προκειμένω την περίοδο 2014-2020. Πόσο μάλλον αυτή την περίοδο, όπου η οικονομική κρίση που ξεκίνησε το 2008, έχει μεταβάλλει ριζικά τις οικονομικές και κοινωνικές δομές των περιφερειών των κρατών-μελλών, κάτι που πρέπει να ληφθεί υπόψη, στο σχεδιασμό και την κατανομή των διαρθρωτικών ταμείων. Για αυτούς τους λόγους, θα πρέπει να χρησιμοποιούνται στοιχεία του ΑΕγΠ και ΑΕΕ, όσο το δυνατό πιο πρόσφατα.

Emenda 44 **Nikolaos Chountis**

Proposta għal regolament **Artikolu 82 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jsostni lil dawk l-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) minn ras għal tagħhom, imkejjel f'paritajiet ta' poter ta' akkwist u kkalkolat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu **2007 – 2009**, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING minn ras għal ras tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

Emenda

Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jsostni lil dawk l-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) minn ras għal tagħhom, imkejjel f'paritajiet ta' poter ta' akkwist u kkalkolat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu **2009 – 2013**, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING minn ras għal ras tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Για τη μεγαλύτερη αποτελεσματικότητα της χρήσης και του σχεδιασμού των διαρθρωτικών ταμείων, θα πρέπει να λαμβάνεται το ΑΕγΠ της πιο πρόσφατης περιόδου, σε σχέση με την προγραμματική περίοδο, εν προκειμένω την περίοδο 2014-2020. Πόσο μάλλον αυτή την περίοδο, όπου η οικονομική κρίση που ξεκίνησε το 2008, έχει μεταβάλλει ριζικά τις οικονομικές και κοινωνικές δομές των περιφερειών των κρατών-μελλών, κάτι που πρέπει να ληφθεί υπόψη, στο σχεδιασμό και την κατανομή των διαρθρωτικών ταμείων. Για αυτούς τους λόγους, θα πρέπει να χρησιμοποιούνται στοιχεία του ΑΕγΠ και ΑΕΕ, όσο το δυνατό πιο πρόσφατα.

Emenda 45 **Philippe Lamberts** f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-popolazzjoni eliġibbli, il-prosperità reġjonali, il-prosperità nazzjonali u r-rata ta' qgħad għar-reġjuni anqas żviluppata u r-reġjuni ta' tranżizzjoni;

Emenda

(a) il-popolazzjoni eliġibbli, il-prosperità reġjonali, il-prosperità nazzjonali, ***l-introjtu nett disponibbli aġġustat għal kull abitant*** u r-rata ta' qgħad għar-reġjuni anqas żviluppata u r-reġjuni ta' tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 46
Philippe Lamberts
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-popolazzjoni eliġibbli, il-prosperità reġjonali, ir-rata ta' qgħad, il-livell tal-edukazzjoni u d-densità tal-popolazzjoni għar-reġjuni aktar żviluppata;

Emenda

(b) il-popolazzjoni eliġibbli, il-prosperità reġjonali, ir-rata ta' qgħad, il-livell tal-edukazzjoni, ***l-introjtu nett disponibbli aġġustat għal kull abitant, il-vulnerabbiltà demografika, il-fraġilità soċjali*** u d-densità tal-popolazzjoni għar-reġjuni aktar żviluppata;

Or. en

Emenda 47
Roberts Zile

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. 5%tar-riżorsi għall-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jikkostitwixxu r-riżerva tal-prestazzjoni li

Emenda

6. 1% tar-riżorsi għall-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jikkostitwixxu r-riżerva tal-prestazzjoni li

trid tiġi allokata skont l-Artikolu 20.

trid tiġi allokata skont l-Artikolu 20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li d-deċiżjoni, meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokkazzjoni ta' riżerva tal-prestazzjoni għall-programmi u l-prijoritajiet li jilhqqu l-miri ewlenin, se tittieħed biss fl-2019, hemm tħassib li l-Istati Membri, matul iż-żmien li jifdal tal-perjodu ta' programmar, mhux se jkunu jistgħu jiġbdu jew jużaw b'mod effikaċi ammont daqstant kbir tal-allokkazzjoni mwarrba. Barra minn hekk, mhuwiex ċar x'kriterji se jintużaw għall-programmi fit-tul li jestendu lil hinn mill-perjodu ta' programmar 2014-2020.

Emenda 48

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 134 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) minn reviżjoni ta' prestazzjoni jirriżultaw provi li f'xi assi ta' prijorità ma ntlaħqux l-istadji importanti stipulati fil-qafas ta' prestazzjoni;

imħassar

Or. en

Emenda 49

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 134 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) l-Istat Membru jonqos milli jirrispondi jew ma jirrispondix b'mod sodisfaċenti skont l-Artikolu 20(3);

imħassar

Or. en

